ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 57 tal-Kunsill Lokali ta’ Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 8 ta’ Jannar 2013, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Diċembru 2012;

   b) Skeda ta’ Ħlas Diċembru 2012;

   c) Abbozz ta’ l-Estimi Għas-Sena 2013;
5. Rapport Amministrattiv 2012;
6. Laqgħa Annwali tal-Lokalita’;
7. *Performance Bonus*;
8. *Tenders* tal-Perit;
9. Ħlas tal-parteċipazzjoni fil-Karnival 2012;
10. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

**1.** **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 56 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekondat l-Kunsillier Agius.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2.** **Tagħrif mill-Minuti**

a. Dwar l-ittra li rċevejna biex issir laqgħa tal-Volontarjat, is-Segretarju qalet li tkellmet mas-Sinjura Christine Camilleri u din qalet li fil-Kunsilli Lokali ssir laqgħa waħda biss, fejn mistiedna jkunu l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat fil-lokal. F'din il-laqgħa jiġu diskussi problemi li jintaqgħu magħhom dawn l-għadqiet. Il-Kunsill kull ma' jrid jagħmel u li jiffissa data li l-aħjar tkun it-Tnejn fis-6.00 ta' filgħaxija. Dawn il-laqgħat isiru waħda kull ħmistax u bħalissa d-dati li hemm vojta huma il-11 u 25 ta' Frar, 2013, iżda jekk dawn id-dati jimtlew laqgħat isiru wara. Meta l-Kunsill jiddeċiedi d-data u l-Għaqda tal-Volontarjat tikkonferma, din tibgħat *posters* u l-Kunsill javża l-għaqdiet b'dawn il-*posters* u wara jikonferma l-laqgħa ssir. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa ssir fil-25 ta' Frar, 2013.

b. Dwar l-Iskema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali, ġejna nfurmati li l-applikazzjoni ġiet ikkunsidrata iżda ma ntgħażlitx.

c. Dwar l-Iskema CIES, il-Kunsill għadu ma ġiex infurmat min se jħallas lill-persuna li tiġi mpjegata.

d. Irċevejna kont mingħand il-Perit Marvin Ellul ta' xogħolijiet li għamel il-kuntrattur Charles Sammut fil-ġnien li jammontaw għal €11,620.20. Il-Kunsill qabel li dan il-kont jista' jiġi mħallas.

**Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Mid-Dipartiment infurmaw dwar Memo 55/2012 – Emendi fl-Applikazzjonijiet tad-Dawl fit-Toroq (Korporazzjoni Enemalta).
Memo 56/2012 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġett Pilota – Inzjattiva Msejħa *Book Box.* Is-Sindku qal wahda min dawn il-boxes qeghda ftit il-boghod mill-Kunsill u l-ohra titpogga fil-Housing Estate. Il-Kunsill qabel.
Memo 58/2012 – Talbiet mill-Kunsill Lokali għal Self mill-Bank.
Memo 59/2012 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja.
Memo 60/2012 – Allegati Abbużi fil-Lokalitajiet fuq id-Dwal tat-Toroq.

Dwar Memo 38/2012 – Skema dwar inizjattivi 2012-2013, fejn il-Kunsill ibbenifika mis-somma ta' € 2,000 għall-attivita' marbuta mal-Karnival. Is-Sindku qal li l-Kunsill applika biex isir il-Giovedi Gras u l-kukkanja nhar il-Ħamis u Ġimgħa rispettivament flimkien mal-ġranet tas-soltu l-Ħadd karnival organizzat u t-Tnejn u Tlieta spontanju. Is-Sindku qal ukoll li se jitlob biex jiġu armati mwejjed bil-ħelu tal-karnival. Il-Kunsill qabel.
Infurmaw ukoll dwar il-*Mayors' Global Summit* li ser isir fid-19 ta' Frar, 2013, f'Dublin.
Bagħatu jinfurmaw li l-Allokazzjoni Finanzjarja għal l-eweel erba' xhur tas-sena hija ta' € 102,381.

2. Mill-AKL, fejn bagħatu jinfurmaw dwar it-tiġdid tal-*Group Health Policy* li tkoperi mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, 2013, li huwa € 53 kull persuna. Il-Kunsill qabel li din tiġi mġedda.

   Bagħatu wkoll dwar it-tiġdid tal-polza tal-Assikurazzjoni tal-Flus li tkoperi l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, 2013, li huwa ta' € 63. Il-Kunsill qabel li din tiġi mġedda.

3. Mill-MEPA bagħatu dwar Notifika ta' Avviż ta' Infurzar għal sit Ta' Ras il-Wied ta' Ħas Saptan minħabba tfieħ ta' materjal ta' kostruzzjoni.

4. Mingħand *Transport Malta* fejn infurmaw li harget l-offerta fl-14 ta' Diċembru u għalqet fil-21 ta' Diċembru, 2012 biex issir Triq G.Scicluna, fejn kien hemm offerta waħda u bħalissa qed jevalwawa. Il-kuntrattur huwa E.Mifsud. Ir-residenti tat-triq ġew infurmati b'dan.

5. Mingħand l-Onor. C. Said fejn informa li ġiet imnedija Kooperattiva ME 2 din imwaqqfa minn persuni b'diżabilita' bl-għan ewlieni li jużaw il-ħilijiet tagħhom fid-dinja tax-xogħol.

6. Mill-*Paying Agency* fejn infurmaw li kien hemm xi tibdiliet żgħar fil-linji gwida dwar il-Miżura 125 li dawn qed jiġu dikussi.

7. Mingħand il-Perit A. Abela fejn intalab jevalwa l-offerta tal-Forestals u l-JGC dwar l-offerta tagħna tal-*playing field equipment* u żewġ partijiet ġew mitluba sabiex jikkjarifikaw xi punti fl-offerta rispettiva tagħhom. Il-Forestals u l-JGC wieġbu ghal kajrifiki li ntalbu minnhom.

8. Dwar avviż li ġie ppublikat fuq l-Orizzont fil-ħarġa tat-28 ta' Diċembru, 2012, dwar Ġnien Mekrech fejn l-awtur qed juri d-diżżapunt tiegħu li ħareġ il-permess tal-iżvilupp u b'hekk ser jintilfu ċertu ġonna. Il-Kunsill kiteb li hu ħa passi mal-ewwel kif sar jaf li hemm dan l-iżvilupp propost u għamel l-oġġezzjonijiet tiegħu.

9. Mingħand is-Sur Muscat mill-għaqda *Malta Mountain Bike Foundation* fejn infurmaw li huma mħajrin sabiex jorganizzaw tellieqa ġewwa l-Wied ta' Ħas Saptan. Din l-Għaqda trid l-approvazzjoni tal-Kunsill li ma hemmx oġġezzjoni. Il-Kunsill qabel li ma' jsib l-ebda oġġezzjoni li din it-tellieqa ssir.

10. Mill-ETC infurmaw li l-iskema għal s-Sur Bartolo u Zahra ġiet estiża għal sitt xhur oħra.

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

a) Intbagħatet ittra lic-*Chairman* tal-BOV sabiex nuri d-disaprovazzjoni tagħna dwar l-għeluq tal-bank li hemm Bir id-Deheb fejn dan ser jiġi bħala *Business Investment Centre* biss. Din l-ittra intbagħatet ukoll lill-gazzetti kollha.

b) Intbagħatet e-mail lil R.Sciberras dwar il-proposta tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, fejn infurmajnih li bħala Kunsill naqblu li r-Reġjun jagħti minn tal-lanqas 10% tad-dħul miċ-ċitazzjonijiet lill-lokalitajiet li fihom ikunu nħarġu l-multi. Dan fl-istess ħin li tibqa' titħallas l-10% *administration fee* li preżentament ir-Reġjun iħallas lill-Kunsilli.

c) Intbaghatet e-mail lis-Sur Borg Caruana dwar li peress li B'bugia ma jridux il-gwardjani lokali filgħaxijiet fil-week ends u allura Ħal Għaxaq mhux ser jiġu għal siegha biss, fejn infurmajna li bħala Kunsill nsibu oġġezzjoni u qed nesiġu li dik is-siegħa tibqa' allokata għal Bir id-Deheb inkella jistgħu ma jiġu xejn ġo Ħal Għaxaq. Ġejna nfurmat li din il-proposta ser tigi mressaq għall-attenzjoni tas-Segretarju Reġjonali.

d) Intbagħatet e-mail lill-Kunsill tal-Volontarjat fejn tlabna sabiex issir laqgħa magħhom.

**4. Materji Finanzjarji**

a. *Petty Cash*: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Dicembru 2012, li kienu jammontaw għal €22.01 . Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€22.01 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Picco.

b. *Skeda ta' Ħlas Dicembru 2012*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Dicembru 2012 u li jammontaw għal €56,876.35. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

c. *Abbozz ta' l-Estimi Għas-Sena 2013*: *Is*-Segretarju poġġa fuq il-mejda Estimi Finanzjarji għas-Sena 2013 , ibbażat fuq l-allokazzjoni ta' €307.582.00, flimkien mad-dħul u l-ħruġ li kien hemm fis-sena preċedenti. Il-*Budget* ġie moqri u diskuss u wara proposta mis-Sindku sekondat mill-Viċi Sindku, l-Kunsill qabel li dan il-*Budget* jiġi ppreżentat għad-diskussjoni tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita'.

5. **Rapport Amministrattiv 2012;**

Is-Segretarju ħejjiet Rapport Amministrattiv li jkopri l-ħidma mwettqa mill-Kunsill matul is-sena 2012.

Wara diskussjoni, l-membri qablu mal-abbozz li se jkun mressaq għas-Seduta Annwali.

Ir-Rapport tressaq mis-Sindku u ssekondat mill-Kunsillier Agius.

6. **Laqgħa Annwali tal-Lokalita'**

Is-Segretarju qalet li filwaqt li sar qbil li l-Laqgħa Annwali, issir nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar 2013 fis-6.00pm, u tkun segwita b'Laqgħa tal-Kunsill.

**Sadanittant is-Sindku ta' ndikazzjoni tad-diskors tiegħu li hu se jagħmel fil-Laqgħa Annwali fejn elenka l-ħidma li saret mill-Kunsill tul l-aħħar sena.**

7. **Performance Bonus**

F'dan l-istadju s-Segretarju ħarġet mil-kamra waqt li kien qed jiġi evalwat l-*Performance Bonus* tagħha. Is-Sindku spjega l-kontenut u s-Segretarju rritornat fil-kamra fejn ġiet mgħarrfa li ser tingħata 10%.

Is-Segretarju qrat il-*Performance Bonus* li tħejja għal l-iskrivana għat-tnax il-xahar li għaddew u qalet li hi tirrakomanda li tingħata 6%. Wara li ġie spjegat il-kontenut tar-rapport, is-Sur Vassallo, sekondat mis-Sur Abdilla, ippropona li l-iskrivana tingħata il-bonus ta' 6% u l-Kunsill qabel.

Is-Segretarju flimkien mal-iskrivana rringrazzjaw il-Kunsill.

8. **Tenders tal-Perit**

Waqt diskussjoni sar qbil li fid-dawl li l-Perit tal-Marvin Ellul għadu qiegħed jagħmel superviżjoni u jiċċertifika xogħolijiet tal-Kunsill li qed isiru bħalissa, ikun aħjar jekk jiġġeded il-kuntratt tiegħu għal sitt xhur oħra. Sar qbil ukoll li dwar dan jinġieb parir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Sadanittant it-*tenders* kollha jiġu evalwati sitt xhur oħra. Min tefa' l-offerta jiġi nfurmat b'dan, jekk l-individwu ma jaċċettax li t-*tender* tiegħu tiġi evalwata sitt xhur oħra dan jingħata l-flus lura.

9. **Ħlas tal-parteċipazzjoni fil-Karnival 2012**

Is-Segretarju qalet li l-Kunsill irċieva *invoice* ta € 400 mingħand Ms Sandra Busuttil għal ħlas tal-parteċipazzjoni fil-Karnival 2012.

Is-Sindku qal li żeffiena kienu ħadu sehem fil-Karnival li l-Kunsill kien għamel il-Belt nhar Sibt il-Karnival u dawn kienu mwiegħda li jitħallsu tal-parteċipazzjoni.

Il-Kunsill qabel li dan il-ħlas isir.

10. **Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

a. Is-Sindku qal li jeħtieġ inġibu kwotazzjonijiet għar-*rails* ta' li *stainless steel* jew tal-ħadid biex jitwaħħlu mal-*bridge* li qed isir fil-ġnien ta' *Phase 2*, oħra għal Gazebo u oħra għal manutenzjoni tal-*cameras*. Il-Kunsill qabel.

b. Is-Sindku qal li se jsir ħlas ta' €186.13 biex isir appell kontra d-deċiżjoni għal bini li propost isir f'Villa Mekrech. Il-Kunsill qabel li dan l-appell flimkien mal-ħlas isir.

**9. Aġġornament**

Is-Sindku fl-4:00 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar 2013 fis-6.30pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- , 28 ta' Jannar 2013 fis-6.30pm**